MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2010

Numru 1196/2009

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Mercieca
Spettur Priscilla Caruana)

vs

Alfred Polidano

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-akkuzat ta’ karta ta’ identita’ numru 228373(M), akkuzat, talli:

A. nhar il-11 ta’ Novembru, 2009, ghal habta tas-6.00pm, fi Triq iz-Zurrieq, Safi:

1. dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Martin Farrufia, Maria Anna Farrugia u Paola Zammit jew li jqieghed il-

hajja taghhom f'perikolu car wera dan il-hsieb b'atti esterni lit a bidi ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi spara ghadd ta' tiri ta' senter fid-direzzjoni tal-bieb principali u apperturi ohra tal-fond numru 26, 'Maranathan', Triq iz-Zurrieq, Safi, liema delitt ma fiex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;
2. spara arma tan-nar, cioe' senter, f'post abitat u f'post pubbliku u cioe' f'distanza ta' inqas minn mitejn metru mill-abitat;
3. fil-hin li huwa kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq jew hsara lill-proprjeta', kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;
4. volontarjament, hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghadd ta' aperture fil-faccata u oggetti ohra formanti parti mill-fond numru 26. 'Maranathana' Triq iz-Zurrieq, Safi, billi spara ghadd ta' tiri ta' senter fuq il-faccata ta' l-imsemmi fond, liema hsara tiskorri euro 1164.69 u li saret ghad-dannu tal-koppja Martin u Maria Anna konjugi Farrugia u jew ta' persuna/i ohra;

B. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kif ukoll qbel dan il-hin, fi Triq San Pawl jew fl-area maghrufa bhala 'Taz-Zabbarija', gewwa Hal-Safi:

5. bl-imgieba tieghu ikkaguna lil haddiehor, cioe' lill-koppja Martin u Maria Anna nee' Farrugia, u jew lil persuna/i ohra, biza' li se tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta' taghhom jew jew kontra l-persuna jew il-prorjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna imsemmija fl-Artikolu 222(1) tal-Kap 9, meta huwa kien jaf jew messu kien jaf li l-imgieba tieghu se tikkaguna lil xi hadd iehor hekk jibza';
6. rrenda ruhhu recidiv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 permezz ta' sentenza datata 21 ta' Gunju, 2006, liema sentenza saret definittiva.

Il-Qorti mitluba bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna/i offizi, cioe' il-koppja Martin u Maria Anna konjugi Farrugia u l-familja taghhom, jew ghaz-zamma tal-ordni

pubbliku, jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna/i lezi minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat skond kif jipprovdi l-Artikolu 412C tal-Kap 9.

Rat r-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali (fol. 267) permezz ta' liema dehrlu li tista' tinstab htija fl-imputat skond l-artikoli tal-ligi minnu hemm citati u ghalhekk bghat l-atti lil din il-Qorti sabiex tiggudika lill-imputat dwar il-htija jew nuqqas taghha;

Semghet lill-imputat jaghti l-kunsens tieghu sabiex il-kawza tigi deciza minn din il-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju ghall-gudizzju l-imputat jinsab akkuzat:

- b'attentat ta' feriti gravi skond l-Artikolu 217 u 218 tal-Kap 9;
- ta' biza f'terzi li se tintuza vjolenza kontrihom skond l-Artikolu 251B tal-Kap 9;
- ta' hsara volontarja skond l-Artikolu 325(1)(a) tal-Kap 9;
- b'pussess ta' arma tan-nar bi ksur tal-Artikolu 55(a) tal-Kap 480;
- li spara arma tan-nar f'post abitat bi ksur tar-regolament 18(2)(a) tal-Avviz Legali 79/2006;
- li huwa recidiv.

Illi l-fatti skond l-evidenza kompilata juru univokament li fil-gurnata tal-11 ta' Novembru, 2009, ghal habta tas-6.30pm, l-imputat armat b'senter, mar fejn il-fond jismu 'Maranathan', numru 26, Triq iz-Zurrieq Safi, u spara

tmien skratacc fuq il-faccata tieghu bil-konsegwenza li ikkaguna danni lill-istess faccata ta' izjed minn euro elf u tlett mija. Dan sar meta fil-fond in meritu kien hemm il-konjugi Martin u Maria Anna Farrugia u Paola Zammit li tigi iz-zija taghhom. F'dan l-incident apparti l-hsara ikkagunata hadd ma wegga. Madanakollu l-imputat jrid jirrispondi skond r-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali wkoll ta' attentat ta' feriti gravi fuq l-imsemmija tlett persuni li fil-hin li ghamel r-reat kienu jinsabu gewwa din ir-residenza.

Illi huwa asserit li t-tentattiv ta' offiza gravi ma jitqies mir-risultat tal-ghemil izda minn dak li jkun il-hsieb li jitwettaq; igifieri, indipendentement, mill-fatt li hadd ma wegga hija l-intenzjoni li ghandha tigi ricerkata, fil-kaz de quo, tal-imputat, ossija jekk kinitx dik li jaghmel feriti gravi jew dik li jaghmel hsara?

Illi huwa fatt li jemergi wisq car li l-imputat ghamel dak li ghamel in ritaljazzjoni ghal dak li kien sar jaf li kien ghadda bejn l-imsemmi Martin Farrugia u martu. Jirrisulta li l-imsemmi Farrugia jigi kugin ta' mart l-imputat u kien sa xi xahrejn qabel impiegat mas-socjeta' 'Polidano Brothers'. Mart l-imputat kienet wkoll tahdem fis-socjeta' u darba fost l-ohrajn gew maghqbuda f'intimita' minn hu l-imputat, Pawlu Polidano. Dan biex ma jaqlax inkwiet kecca lil Farrugia mix-xoghol u zamm kollox mistur. Gara li l-imputat b'mod jew iehor sar jaf u proprju meta sar jaf fl-istess jum li ghamel x'ghamel mar tkellem ma' mart Farrugia u wara mar sab lill-imsemmi Farrugia fl-ghalqa fejn ippuntalu s-senter fid-direzzjoni tieghu, ghajru, izda m'ghamel xejn aktar u telaq 'l hemm. Hekk ghamel wkoll Farrugia li mar jigbor liz-zija u mar id-dar tieghu maghha. Jidher li l-imputat  kien ghadu insazjat tant li mar id-dar tieghu, affronta lill-martu, hareg, nizel fejn id-dar ta' Farrugia, xi metri 'l isfel u bis-senter spara tmien tiri ta' skartocc tul il-faccjata tar-residenza ta' dan. Minn dak li gie konstatat fl-inkjesta jirrizulta li t-tiri kienu imferxa u laqtu aktar minn tlett kwarti tal-faccata.

Illi fil-fehma tal-Qorti mehud kollox in konsiderazzjoni u ikkonsidrat wkoll li fil-kaz de quo tista' talvolta tkun applikabbli l-iskuzanti riferita fl-Artikolu 227(c) tal-Kap 9, itenni u ssostni li l-imputat ma kellux l-hsieb jew l-intenzjoni li jikkommetti reat kontra l-persuna ta' Martin Farrugia izda bhala tpattija ried u fil-fatt ghamillu hsara fil-faccjata tal-proprjeta' tieghu.

Fid-dawl ta' din il-fehma l-Qorti mhux ser issib l-imputat hati tal-attentat ta' feriti gravi izda hi tal-fehma li ghandu pero' jinstab hati tal-akkuza tal-hsara volontarja.

Dwar l-akkuzi l-ohra fit-termini citati mill-Avukat Generali l-Qorti tghid li tissusisti r-reita' skond l-Artikolu 251B tal-Kap 9, l-Artikolu 55(a) tal-Kap 480 u r-regolament 18(2)(a) tal-Avviz Legali 79/2006. Dwar r-recidiva din palesament ma tirrisultax; l-Artikolu 17 tal-Kap 9 japplika fis-sub-incis (b) tieghu waqt li l-kundanna tal-ispejjez inkorsi fin-nomina tal-esperti anka jekk fl-istruttorja skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9 ghandu jigi applikat kontra l-imputat.

Ghalhekk taqta u tiddecidi billi:
Issib l-imputat hati li:
(a) b'imgieba tieghu ikkaguna lill-haddiehor senjatament lill-koppja Farrugia u Paola Zammit biza li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta' ta' min minnhom meta huwa kien jaf jew imissu kien jaf li l-imgieba tieghu ser tikkaguna li hekk jibza;
(b) volontarjament, hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghadd-ta' aperturi u oggetti formanti parti mill-fond 26, Triq iz-Zurrieq, Hal Safi, liema hsara tiskorri l-elf mija u erba u sittin euro ghad-dannu tal-konjugi Farrugia;
(c) li fil-hin li kien qieghed jaghmel delitt kontra l-persuna jew hsara lill-proprjeta' kellu fuq il-persuna tieghu arma tan-nar;
(d) li spara senter f'post abitat u f'post pubbliku u f'distanza ta' anqas minn mitejn metru mill-abitat.

Mas-sibux hati tal-attentat ta’ ferita gravi.

Ikkunsidrat ic-cirkostanzi inkluza x-xhieda tal-konjugi Farrugia (Paola Zammit ma xehditx). Rat l-Artikoli 251B u 325(1)(a) tal-Kap 9, l-Artikolu 55(a) tal-Kap 480, r-regolamenti 18(2)(a), 27(3)(a) tal-Avviz Legali 79/2006, Artikolu 17(b)(d) u 533 tal-Kap 9.

Tikkundannah tmintax-il xahar prigunerija sospiza ghal sentejn bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 u €150 multa. Tikkundannah ihallas l-ispejjes inkorsi fin-nomina tal-periti nominati fil-proceduri.

Tordna l-konfiska.

Il-Qorti spjegat is-sentenza lill-imputat ai termini tal-Artikolu 28(4) tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------